26 ta' Frar, 1945.

Imħallfin :

L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D., *A/Pres.*

L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

L-Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Victor Cauchi pr. et ne. *versus* Alfredo Bonello et. ne.

**Ċirkolu — Illeġittimità tal-Persuna — Rappreżentanza Ġudizzjali — Art. 207, nru. 1 u art. 796 tal-Proċedura Ċivili.**

*Kwalunkwe korp kostitwit jew soċjetà, li jkollhom kumitat tad-direzzjoni, ma jistgħux ikunu rappreżentati f'kawża fl-interess ta' dak il-korp jew soċjetà, jekk mhux mill-kumitat tad-direzzjoni, ammenokkè fl-istatut soċjali jew b'deliberazzjoni tas-soċi jew tal-kumitat dik ir-rappreżentanza ma tiġix mogħtija lil xi persuna determinata.*

*Dana l-prinċipju jsofri eċċezzjoni meta l-fini ta' l-azzjoni huwa x-xoljiment ta' l-assoċjazzjoni li tkun.*

*Fil-każ ġie ritenut li, avvolja l-kawża kienet tirrifletti fuq ix-xoljiment ta' każin, il-kumitat tad-direzzjoni però kien persuna leġittima biex jikkontesta l-kawża, għax mill-fatti tal-każ u mill-istatut soċjali meħudin flimkien kien jidher illi l-kumitat kien awto-*

*tissat jikkontesta l-pretensjoni ta' l-attur li kienet tirrifletti fuq ir-regolament tal-każin*

*F'din ir-rappreżentanza ġudizzjali mhux aċċettabili l-argument illi l-Kumitat ikun jidher fil-ġudizzju għal persuni li huma preżenti f'dawn il-Gżejjer.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni ta' l-atturi quddiem il-Prima Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re, fejn ippremettu li fis-17 ta' Novembru 1922 ġie mwaqqaf f'Ħaż-Żabbar il-Kumitat Distrettwali taħt il-Partit tal-Ħaddiema, bl-iskop li l-membri kollha tiegħu jkunu jappartjenu lill-imsemmi partit u li huma jaħdmu b'ħilithom kollha għal-favur u l-kobor ta' l-istess Kumitat Distrettwali, u dejjem bħala membru ħadem għall-finijiet li għalihom dana ġie mwaqqaf, u għalhekk għandu interess li dak li sar jibqa' jseħħ u jitwettaq; illi dak l-iskop qiegħed jiġi mfixkel illegalment mill-konvenuti, u anzi għal kollox frustrat, bid-deċiżjonijiet li ttieħdu taħt id-direzzjoni tagħhom fis-26 ta' April u fit-8 ta' Mejju, 1943, jew fi granet oħra viċin, li bħala effett tagħhom ġie mibdul l-isem tal-każin u l-istess skop li għalih dana nħoloq; li dawk id-deċiżjonijiet da parti tal-konvenuti ġew immexxija mill-istess regolamenti tal-każin billi l-ewwelnett huma jwasslu għax-xoljiment ta' l-istess każin, ħaġa li ma setgħetx issir, għaliex skond ir-regolament nru. 46 dana ma setax isir sakemm jiftdal, kif fil-fatt għad fadal, għaxar membri, u mbagħad billi l-proposti relativi li kienu setgħu jsiru ma sarux xahar qabel isseduta kif kellu jsir skond ir-regolamenti numru 43, u fl-istess ħin ma kienux imniżżlin ċari fl-aġenda tas-seduti kif imiss; u f'aħħarnett waħda mis-seduti għall-anqas ġiet imsejħa bħala straordinarja u urġenti, mentri żieda jew tnaqqis fir-regolamenti (jekk jistgħu jissejħu hekk it-tibdiliet li saru) għandhom isiru f'seduti ġenerali ordinarji skond l-istess regolament numru 43; talab li jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmija deċiżjonijiet jew riżoluzzjonijiet meħuda fis-seduti tas-26 ta' April 1943 u tat-8 ta' Mejju 1943, jew dati oħra verjuri, li bihom tbiddlu l-isem u l-iskop originarju tal-Kumitat Distrettwali fuq imsemmi u r-regolamenti originarjament magħmula għat-tmexxija ta' l-istess, huma nulli u bla effett għaliex kontra

l-kelma u l-ispirtu tar-regolamenti oriġinarjament stipulati, u dana għar-raġunijiet fuq dikjarati u kif jirriżulta aħjar middawk id-dikjarazzjoni unita mać-ċitazzjoni, u konsegwentement huma wkoll nulli u ta' ebda effett il-miżuri u dak kollu li sar u seta' jsir in vista tat-tbiddil fuq imsemmi; b'riżerva ta' drittijiet oħra skond il-liġi, u bl-ispejjeż;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tiegħu r-Re fit-2 ta' Ottubru 1944, fejn ġie dikjarat illi l-konvenuti mhumiex persuni leġittimi biex jikkontestaw dan il-ġudizzju, u għalhekk illiberathom mill-osservanza tiegħu bl-ispejjeż; wara li ikkunsidrat;

Illi huwa ċar li l-attur irid id-dikjarazzjoni li huma nulli u bla effett ir-riżoluzzjonijiet meħuda fis-seduti tat-2 ta' April 1943 u tat-8 ta' Mejju 1943 għax b'dawk id-deċiżjonijiet mhux biss l-isem tal-każin ġie mibdul, imma anki l-iskop li għalih ġie mwaqqaf il-każin, u għalhekk dan iwassal għax-xoljiment tal-Labour Party Club u għall-formazzjoni ta' każin ieħor taħt l-isem ta' "Għaqda Drammija Maltija";

Illi, kif ġie ritenut minn dik il-Qorti fis-sentenza tagħha in re "Chetcuti vs. Baldacchino ne. et" tad-29 ta' Marzu 1898, konfermata minn din il-Qorti fl-1 ta' Gunju 1898, meta l-oġġett tat-talba kien ix-xoljiment tas-soċjetà ta' każin, anki jekk dik it-talba tkun bażata fuq l-asserzjoni li l-konvenuti ikkontravvenew għar-regolamenti, għandhom interess fil-kawża l-assoċjati kollha tal-każin;

Illi għalkemm il-konvenuti ġew unanimament awtorizzati biex jikkontestaw il-kawża tal-lum, huma għandhom ikunu kunsidrati bħala mandatarji tas-soċji kollha, mentri huwa vjetat lill-mandatarju joqgħod fil-ġudizzju fl-isem tal-mandant meta dan ma jkunx assenti minn dawn il-Gżejjer, u illi ma jistax dan id-difett ikun supplit;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur u l-petizzjoni tiegħu fejn talab illi dik is-sentenza tkun revokata billi jiġi dikjarat li l-konvenuti huma persuni leġittimi biex jikkontestaw dan il-ġudizzju, u fil-każ li ma humiex, illi l-kawża tkun rinvijata quddiem l-Ewwel Qorti biex ikunu msejħa fil-kawża s-soċi l-

oħra jekk din il-Qorti ma tiddeċidix illi taqta' l-meritu fl-istat tal-lum; bl-ispejjeż kontra l-konvenuti;

*Omissis;*

Tikkunsidra;

Illi ġie stabbilit fis-sentenza ta' din il-Qorti in re "Nobbli Federico Caruana Gatto vs. Illustrissimo e Nobile Conte Edoardo Sant Fournier nomine et.", mogħtija fit-30 ta' Mejju 1930 (Kollezzjoni Volum XXVIII — I — 314), u kif din il-Qorti anki f'każ ieħor "Bugelli vs. Mifsud" fit-12 ta' Ottubru 1926 (Kollez. fol. XXVI. P. I, Sez. I. paġ. 571) irriteniet illi kwalunkwe korp kostitwit jew soċjetà li jkollhom kumitat ta' Direzzjoni ma jistgħux ikunu rappreżentati f'kawża fl-interess ta' dak il-korp jew ta' dik is-soċjetà jekk mhux mill-kumitat tad-direzzjoni, ammenokkè fl-istatut soċjali, jew b'deliberazzjoni tas-soċi jew tal-kumitat, ir-rappreżentanza ma tiġix mogħtija lil ċerti persuni determinati. Bħala fondament ta' dik il-ġurisprudenza din il-Qorti kienet irriteniet li hemm l-art. 207, nru. 1, tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, u l-art. 796 ta' l-istess liġi;

Tikkunsidra;

Illi l-artikolu ta'liġi fuq imsemmi, 796, jgħid illi l-eċċezzjoni ta' l-illeġittimità tal-persuna ma tistax tiġi mogħtija kontra l-ebda persuna ndikata fl-imsemmi art. 207, nru. 1, ta' l-istess Liġi; u din l-aħħar dispożizzjoni tistabbilixxi illi aġent jew inkarikat ta' kwalunkwe soċjetà rikonoxxuta jew permessa mill-liġi jista' jidher, għall-fini ta' dak l-artikolu, għan-nom tas-soċjietà istess. Il-liġi tagħmel distinzjoni bejn soċjetà kummerċjali u kwalunkwe soċjetà oħra; infatti hemm l-espressjoni "partner or representative of a commercial house or partnership", immedjament wara tiġi l-espressjoni l-oħra "agent for, or entrusted with the management of any other partnership recognised or permitted by law". Għalhekk, wara li l-liġi stabbiliet ir-rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali, għaddiet għall-każ tar-rappreżentanza ta' kwalunkwe soċjetà oħra, u dik il-kelma "kwalunkwe" turi illi l-leġislatur ried illi dik id-dispożizzjoni jkollha sens estensiv, biex tikkomprendi kwalunkwe soċetà oħra barra minn dawk kummerċjali. Veru huwa

illi l-kelma "soċjetà" fit-tieni parti tad-dispożizzjoni ma tistax tittieħed fis-sens rigoruż tal-kelma, ċjoè fis-sens illi l-liġi ċivili tagħti għall-kelma "soċjetà", fejn irid ikun hemm bħala element essenzjali l-iskop tal-qliegħ; iżda għandha tittieħed fis-sens estensiv li tikkomprendi anki dawk l-istituti li impropjament huma msejħin soċjetajiet (ara Digesto Italiano, voce Società Civile, nru. 115). Diversament ikollha tinġibed il-konsegwenza illi l-każini jew kwalunkwe istitut ieħor, bħall-filarmoniċi, ma jistgħu qatt ikunu rappreżentati mill-kumitat direttiv tagħhom, ħaġa li hija kontraddetta mill-pratika kostanti tal-Qrati Tagħna, u li hija ammessa fl-istess sentenza ċitata mill-Ewwel Qorti u fuq riportata, fejn ġie deċiż illi l-kumitat ma jistax irrappreżenta lill-każin, mhux fi kwalunkwe każ, iżda meta jkun hemm bħala oġġett ta' l-azzjoni x-xoljiment tal-każin stess;

Għalhekk għandu jiġi ritenut illi l-kumitat direttiv għandu r-rappreżentanza tal-każin;

Tikkunsidra;

Illi s-sentenzi ċitati mill-Ewwel Qorti fis-sentenza li minnha hemm appell irritenew illi l-kumitat direttiv ma għandux ir-rappreeżntanza ġudizzjali tal-każin meta l-fini ta' l-azzjoni, diretta jew indiretta, ikun ix-xoljiment tal-każin. Dan bħala prinċipju ġenerali huwa veru, għax il-kumitat direttiv jiġi magħżul għad-direzzjoni .tal-kaiżn u għall-amministrazzjoni tiegħu. Iżda f'dan il-każ hawn fattezzi speċjali li juru li dak il-kumitat huwa r-rappreżentant tal-każin. Infatti (1) fir-regolamenti miġjuba fil-fol. 25 et seq. jinqara taħt in-numru 10 li għandu jsir kumitat li jkun kompost...........; f'idejhom it-tmexxija tal-club, u f'kull każ u kullimkien jirrappreżentaw l-għaqda bħala korp Hawn ir-regolamenti, minflok jirrestrinġu r-rappreżentanza għall-każi biss ta' amministrazzjoni u direzzjoni, qalu "f'kull każ"; setgħu ma qalu xejn, u allura s-silenzju tagħhom kien jiġi interpretat skond is-sentenzi fuq ċitati, imma meta l-membri kollha jagħtu l-fakoltà lill-kumitat li għandu jkollu dik ir-rappreżentanza f'kull każ, kwalunkwe distinzjoni li ssir tkun kontra dak ir-regolament, u fl-istess ħin tkun arbitrarja; (2) illi s-soċi ġew

informati bil-protesta li għamel l-attur, għaliex skond dak li hemm miktub fin-numru 4 tad-dikjarazzjoni tal-konvenuti, fis-seduta ġenerali tat-22 ta' Ġunju 1943 is-soċi unanimament iddeċedew li jikkontestaw il-pretensjoni ta' l-attur anki quddiem il-Qorti;

Meta jkunu meħudin flimkien dak li hemm miktub fir-regolamenti, ċjoè li l-kumitat jirrappreżenta s-soċi f'kull każ, u meta s-soċi ddeliberaw li jikkontestaw il-pretensjoni ta' l-attur anki quddiem il-Qrati, jidher illi s-soċi taw lill-kumitat il-fakoltà meħtieġa biex jidher għalihom quddiem il-Qorti biex jirreżisti dik il-pretensjoni ta' l-attur, li mbagħad huwa għamel per mezz ta' din l-azzjoni; u għalhekk, anki jekk għall-ipotesi dawk il-kliem tar-regolamenti jkunu meħuda li jirriferixxu waħedhom għad-direzzjoni tal-każin, iżda meta kien hemm id-deliberazzjoni tas-soċi li jikkontestaw il-pretensjoni ta' l-attur, jidher li kellu fakoltà biżżejjed biex ikun il-leġittimu kontradittur;

Tikkunsidra;

Illi kieku kien diversament, l-appellati ma kienux ma jagħtux eċċezzjoni simili "in limine litis".............. mentri din l-eċċezzjoni ġiet mogħtija fis-16 ta' Mejju 1944, wara li nstemgħu ħafna xhieda fuq il-meritu;

Tikkunsidra;

Illi mhux aċċettabili l-argument illi l-kumitat ikun qiegħed jidher għan-nom ta' persuni preżenti f'dawn il-Gżejjer, għax il-Kumitat ikun qiegħed jidher in forza ta' l-artikoli 796 u 207 fuq ċitati. Infatti l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili in re "Sceberras vs. Cassar" iddeċediet, fis-26 ta' Novembru 1880 (Kollez. Vol. IX, paġ. 283) illi fl-assoċjazzjonijiet ċivili s-segretarju huwa persuna leġittima biex jirrappreżenta fil-ġudizzju l-assoċjazzjoni; l-istess Qorti in re "De Raffaele vs. Cefai" irriteniet fl-14 ta' Ottubru 1895 (Kollez. Vol. XV, paġ. 239) illi l-kumitat ta' assoċjazzjoni li għandha skop filantropiku, xjentifiku, jew anki ta' pjaċir, huwa persuna leġittima biex jirrappreżenta l-assoċjazzjoni, speċjalment meta l-istatut jgħid illi l-kumitat jirrappreżenta s-soċjetà; u l-istess Qorti Ċivili in re "Perini vs. Cassar" fis-6 ta' Marzu 1903 (Vol. XVIII-

II-247) iddećediet illi s-soċjetà għall-eżerċizzju ta' każin hija soċjetà permessa mill-liġi (art. 207 Liġi fuq imsemmija), u meta l-istatut jindika persuna biex tirrappreżenta l-każin, dak l-uffiċjal, u mhux il-kumitat tad-direzzjoni, hija l-persuna leġittima biex tirrappreżenta s-soċjetà fil-ġudizzju (ara wkoll sentenza ta' din il-Qorti in re "Sammut vs. Borg" tat-30 ta' April 1897, Kollez. Vol. XVI-I-36);

Tikkunsidra;

Illi għalkemm il-ġudizzju jidher osservat tajjeb, jekk imbagħad il-konvenuti jidhrilhom illi l-preżenza tas-soċi l-oħra hija utili, u l-Ewwel Qorti tirritjeni li hemm dik l-utilità, tista' ssir is-sejħa fil-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell ta' l-attur u tiddikjara illi l-konvenuti huma persuni leġittimi biex jikkontestaw din il-kawża, bl-ispejjeż relativi taż-żewġ istanzi kontra l-konvenuti; u għalhekk tirrevoka s-sentenza li minnha hemm appell, u tordna illi l-kawża tiġi rinvijata lill-Ewwel Qorti biex tiġi trattata u deċiża skond il-liġi.